# TRIBUNA INDUSTRJALI

DEĊIZJONI NRU: 2998

**Kaz Numru : 3888/DP**

**Fil-kwistjoni tax-xogħol**

**Bejn**

**Araceli Porras Leon (PA1078585) Rapprezentata f'dawn il-proċeduri mill-mandatarju speċjali tagħha l-Avukat Dottor Pio M. Valletta in forza ta' prokura speċjali**

**u**

**Air X Charter Ltd (C 59616)**

**dwar tkeċċija mill-impjieg allegata nġusta**

**Chairperson : Av. Doreen Parnis M.Adv., LLB., Dip. L.P., M.A., B.A., P.G.C.E,**

**It-Tlieta 28 ta' Mejju, 2024**

**Introduzzjoni**

Dan il-kaz ġie riferut lit-Tribunal Industrjali permezz ta' rikors mill-Av. Dr. Pio M. Valletta għan-nom tar-rikorrenti Araceli Porras Leon fir-Reġistru tal-Qrati Superjuri nhar l-10 ta' Settembru, 2020, fejn iddikjara illi t-tkeċċija minn mas-soċjeta' ntimata ma' saritx għal raġuni ġusta u suffiċjenti.

It-Tribunal ħa konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz kif prezentati mill-partijiet, fejn sema' x-xhieda mressqa minn naħat involuti, evalwa l-provi u d-dokumenti kollha kif esebiti, kif ukoll ħa 'in konsiderazzjoni' l-argumenti kif ipprezentati fis-sottomisjonijiet ta' l-avukati difensuri.

## Rapprezentanza

Araceli Porras Leon li minn issa l-quddiem ser tissejjaħ ir-rikorrenti, kienet rapprezentata bi prokura speċjali mill-mandatarju speċjali l-Av. Pio M. Valletta.

Air X Charter Ltd li minn issa l-quddiem ser tissejjaħ is-socjeta' ntimata kienet irraprezentata mill-Av. Patrick Farruġia.

## Fatti fil-qosor tal-kaz

Ir-rikorrenti kienet taħdem bħala *Cabin Crew* mill-11 ta' Settembru, 2016 u li fl-20 ta' April, 2020 irċeviet mis-soċjeta' ntimata korrispondenza fejn ġiet infurmata li se jkollha tiddelokalizza lejn l-Ingilterra. Hija talbet li tintbagħat fuq ajruplan izgħar u b'hekk tevita li jkollha tiddelokalizza. Dan ġie rrifjutat u hija minn naħa tagħha aċċettat li tiġi rilokalizzata izda ma aċċettatx tnaqqis ta' benefiċċji. Hija sussegwentement ġiet itterminata u tgħid li ngħatat ħlasijiet inqas milli filfatt kien dovut lilha. Sa ma ttieħdet din id-deċizjoni għaddew xahrejn u fl-20 ta' April, fejn ġiet infurmat li t-taħdidiet fallew u għalhekk ġiet itterminata. Ġiet ukoll infurmata b'dan fis-24 ta' Ġunju, 2020. Madanakollu hija kienet infurmata li se titħallas sa April, meta ġiet mogħtija l-aħbar u offruta l-proposta li r-rikorrenti ma aċċettatx fit-totalita' tagħha għax irrfjutat it-tnaqqis ta' benefiċċji, izda aċċettat ir-rilokazzjoni. Ir-rikorrenti tgħid ukoll li kienet imnizzla fl-iskeda ta' Mejju u allura ma setgħetx tiġi meqjusa itterminata f'April.

Fir-risposta tagħha, s-soċjeta' qalet li dan il-kaz huwa għal kollox dekadut għaliex għaddew aktar minn erba' xhur sa meta l-istess kaz ġie sottomess quddiem it-Tribunal u dan invist tal-artiklu 75 tal-Kap 452 tal-liġijiet ta' Malta. Liema eċċezzjoni kienet miċħuda b'deċizjoni preliminari fl-14 ta' Settembru 2021. Qalet ukoll li minkejja s-suespost illi l-offerta għamluha lir-rikorrenti għal rilokazzjoni lejn bazi ta' Stansted kienet l-unika alternattiva illi s-soċjeta' kien baqgħalha sabiex taċċerta l-kontinwita' tal-operat sal-aħjar grad li setgħet, u fl-istess waqt tissalvagwardja kemm impjiegi setgħet fil-kundizzonijiet f'dak iz-zmien. Is-soċjeta' qalet ukoll li kieku tali ristrutturar ma sarx u kollox baqa' kif kien qabel laqqtet il-Pandemija tal-COVID 19, ħafna mpjegati oħra xorta waħda kienu effettivament jispiċċaw mill-impjieg u kien ikun dibattibli jekk is-soċjeta' ntimta setgħetx tibqa' ħajja għal ħafna zmien.

**Ġabra fil-qosor tax-xhieda**

**Robert Fenech** fil-kapaċita' ta' Kap tar-Rizorsi Umani mas-socjeta' ntimata qal li lir-rikorrenti kienu nnotifikawha bl-izvantaġġi li ġabet magħha l-pandemija u li laħjar deċizjoni li setgħu jieħdu biex jissalvagwardjaw l-impjiegi u għall-ġid tal-kumpanija kienu se jibdew joperaw minn Stansted, Londra. Huwa qal li għall-ewwel ir-rikorrenti aċċettat izda bdiet kull darba ttawwal fit-talbiet. Huwa qal li hija taret l-aħħar darba fit-2 ta' April, bid-data tat-terminazzjoni kellha tkun l-24 ta' April, 2020.

Għall-kontro-ezami x-xhud qal li minħabba li r-rikorrenti tgħix barra minn Malta ma kienx il-kaz li jinnotifikaw lil Jobsplus bit-terminazzjoni tagħha. Għar-referenza għar-rapport ta' kull xahar, ix-xhud spjega li dan ikun fil-forma ta' *excel sheet* li l-impjegati jimlew biex jitolbu xi ħlasijiet. Huwa qal li ma dan ikunu nkluzi l-irċevuti tal-infieq. Fil-kaz tar-rikorrenti, x-xhud qal li hi ma setgħetx tissostanzja dak li ppretendiet u dan għax f'Ġunju ma kienitx impjegata.

F'seduta oħra bi tkomplija għall-kontro-ezami x-xhud qal li l-komunikazzjoni li seħħet bejnu u bejn ir-rikorrenti kienet tirrigwarda l-alternattiva li kienet qed tiġi offruta u mhux inkwantu n-*notice period*. Qal ukoll li l-kuntratt li kellha r-rikorrenti kien daqsxejn antik, u għalhekk il-ħsieb kien li l-ġdid jittejjeb għax kien hemm il-pjan li tirriloka ruħha lejn Londra.

F'seduta oħra x-xhud spjega kif is-soċjeta' ntimata mhix bħal linja tal-ajru oħrajn, hija filfatt topera bħal taxi, meta klijent privat iqabbadha twasslu minn post għall-ieħor. Huwa qal li lill-ekwipaġġ ituhom il-fakulta' jagħzlu huma fejn jaħdmu, normalment fejn ikunu jgħixu. Huwa qal li l-pandemija laqtithom ħazin tali mod li biex jissalvagwardjaw l-impjiegi kellhom isibu soluzzjoni sostenibbli. Huwa qal li qabel il-pandemija l-imjegati kienu bbazati diversi postijiet bħal Spanja, Greċja, Serbia, Italja u Olanda. Bil-pandemija id-domanda tax-xogħol naqset izda mill-bidu nett iddeċidew li *redundancies* ma jagħmlux u ħasbu għal alternattiva. Huwa qal li dan perjodu li ma kienux jafu kemm se jdum, offrew li kulħadd jiġi rilokat għal Stansted fejn kellhhom bazi u faċilita' tas-socjeta' stess. Ukoll għax fl-Ingilterra r-restrizzjonijiet kienu inqas riġidi u setgħu jaħdmu. Huwa qal li fil-kaz tar-rikorrenti meta bdew jaraw li ma tridx taċċetta, ippruvaw isibu triq tan-nofs, izda jekk hija ma riditx tiċċaqlaq minn post minn fejn l-ajruplan ma jistax itir, allura ma kienx baqa' aktar triq tan-nofs. Huwa qal li r-rikorrenti sfortunatament ma aċċettatx li tirriloka u ħaddieħor aċċetta din ir-rilokazzjoni u kien hemm min beza' mill-pandemija u ried imur pajjizu u ma jibqax jaħdem magħhom.

**Friedrich Baldinger** b'affidavit u fil-kapaċita' ta' Kap Ezekuttiv mas-soċjeta' ntimata qal li s-soċjeta, topera *charters* li ma jkunux skedati u dan skont it-talba tal-klijenti, ġieli għal titjira waħda u ġieli tibqa' magħhom għal tul ta' zmien u twassalhom fejn ikunu jridu. Huwa qal li l-ekwipaġġ kien ikun ibbazat f'pajjizu u jtir lejn id-destinazzjoni minn fejn ikun se jibda l-vjaġġ. Huwa qal li minħabba l-pandemija naqset id-domanda u anke l-ajruplani kienu qed jitħallew stazzjonati b'telf kbir ta' flus. Qal ukoll li biex membru tal-ekwipaġġ meta rnexxielu jtir lejn il-lokazzjoni mitluba kien ikollu jagħmel erbatax - il jum (14) kwarantina u dan ma kienx prattiku, inkluz aktar telf ta' flus u nfieq fuq alloġġjar, *per diem*, parkjar u zamma tal-ajruplan innifsu. Ix-xhud qal li kien għalhekk li ddeċidew li jirrilokaw għal Stansted fejn kellhom il-bazi li huma stess kienu sidien tagħha u din id-deċizjoni kienet l-aktar waħda li tagħmel sens kummerċjalment. B'hekk ukoll kien se jkollhom l-ekwipaġġ dejjem jinsab hemm bil-lest. Huwa qal li din id-deċizzjoni ġiet ikkomunikata lil kulħadd. Huwa qal li qalulhom li jew jirrlokaw lejn Stansted inkella se jiġu *redundant*. Huwa qal li kien hemm min aċċetta din il-proposta u hemm min irrifjuta u temm l-imjieg. Ix-xhud qal li filkaz tar-rikorrenti din m'aċċettatx il-kuntratt il-ġdid ta' mpjieg minkejja li l-kundizzjonijiet tax-xogħol baqgħu l-istess. Qal ukoll li kellhom ibiddlu xi affarijiet biex ikunu jistgħu ipoġġu lil impjegati fuq il-*payroll* tal-Ingilterra.
Għall-kontro-ezami qal li huma riedu li bl-aktar mod sempliċi jagħtu kuntratt ġdid lil kulħadd biex ikunu jistgħu jeqilbuhom fuq il-*payroll* tal-Ingilterra. Huwa qal li fil-kaz tar-rikorrenti li tirreloka ma ntlaqgħetx u allura ma kienx hemm xi negozjati fit-tul għax hija ma aċċettatx u allura jiġi li hi tterminat lilha nnifisha. Ix-xhud qal li kellhom jirristrutturaw u dan biex isalvaw il-kumanija u la hi ma aċċettatx ma kkontribwitx għal biex tiġi salvagwardjata l-kumpanija. Ix-xhud qal li hi rrendiet lilha nnifisha *redundant,* u mhux huma rriduċewha *redundant* għax f'dan il-kuntest *redundant* ifisser li ma kienx hemm aktar ftehim kuntrattwali bejn il-partijiet.

**Houssam Hazzoury** bħala l-*group executive officer* u b'affidavit qal li s-soċjeta' toffri servizz ta' taxi bl-ajruplani u kienet waħda mill-ewwel industriji li ħassew l-impatt tal-pandemija f'Marzu, 2020. Huwa qal li kellhom jieħdu mizuri drastiċi u dan għax kellhom kwantita' ta' titjiriet ikkanċellati. Ix-xhud qal li l-ekwipaġġ jaħdmu fuq ir-*roster* skont il-ftehim u jkunu stazzjonati f'diversi lokalitajiet normalment fil-post li diġa jkunu qed jgħixu fih. Huwa qal li ħassew li l-aktar mizura effettiva kienet li jirrilokaw il-*cabin crew* lejn Stansted fejn diġa kellhom bazi ta' manutenzzjoni li kienet tagħhom. U dan ukoll għax l-Ingilterra kellha l-inqas restrizzjonijiet. Huwa qal li r-rikorrenti kienet tghix ġewwa Las Palmas u allura la kienet gzira kienet aktar ikkumplikata biex titajjar jew

tasal bil-baħar  lejn il-post minn fejn trid imbagħad titajjar lejn fejn se taħdem. Huwa qal li nfurmaw lill-ħaddiema li jekk ma jirrilokawx lejn Stansted, kienu se jiġu *redundant* u kien hemm ħafna li aċċettaw. Huwa qal ukoll li r-rikorrenti riedet taħdem fuq ajruplani zgħar (*small jets*) izda  dawn ukoll ġew rilokati lejn Stansted. Qal ukoll li kieku ma ħadux din il-mizura kienu jipperikolaw l-impjieg ta' kulħadd.

Għall-kontro-ezami huwa qal li r-rikorrenti kienet ġiet offruta l-istess kundizzjonijet bħal kulħadd. Huwa kkonferma li ma ezaminax l-email li nbagħtu bejn ir-rikorrenti  u Robert Fenech. Huwa qal li l-kundizzjonijiet tax-xogħol ma nbiddlux  izda kellhom ipoġġuhom fuq il-*payroll* tal-Ingilterra biex jonoraw il-liġijiet ta' l-istess pajjiz. Huwa kkonferma li bħala *roster* u siegħat ta' xogħol ir-rikorrenti kienet skont ir-regolamenti  mposti mill-EASA u Transport Malta. Huwa ma kkonfermax li l-kutratt il-ġdid kien jinkludi dsatax (19) – il ġurnata xogħol u ħdax (11) -il ġurnata  frank, izda qal li jekk inhu hekk, l-imjegat ikollu sitta u tletin (36) siegħa ta' mistrieħ wara kull sebat ijiem. Qal ukoll li jekk f'dawk il-ġranet frank jiġi msejjaħ jidħol xogħol huwa għad-deskrizzjoni tal-imjegat jekk jaċċettax. Huwa ma kkonfermax jekk l-ajruplani z-zgħar ġewx rilokati wkoll lejn Stansted.

**Aracelli Porras** b'affidavit qalet li għandha 26 sena ta' esperjenza fl-avjazzjoni, sew bħala *Service and Protocol Trainer, VIP Cabin Manager* u *Security Instructor*. Hija qalet li ħadmet f'diversi  pajjizi  u bċejjeċ tal-ajru differenti. Ix-xhud qalet lil-impjieg tagħha mas-soċjeta' ntimata  beda bħala *Junior Cabin Crew* b'kuntratt definit u bħala *full-timer* bejn Lulju, 2016 u Settembru, 2016. F'Settembru ġiet offruta kuntratt ta' imjieg permanenti fuq bazi full-time li hija ffirmat fil-11 ta' Settembru, 2016 u kenet ibbazata fi Gran Canary Spanja. Hija kienet taħdem fuq skeda ta'17-il jum knsekuttivi u 13-il jum frank konsekuttivi wkoll. F'Ġunju 2017 hija ġiet appuntata membru mas-*Seniour Cabin Crew* u l-paga telgħet għal €2,500. F'Lulju, 2017 ġiet promossa għal *Safety and Emergency Instructor* wara li ġiet approvata mill-awtoritajiet tal-avjazzjoni ċivili ta' Malta. Ix-xhud qalet li matul iz-zmien li ħadmet mas-soċjeta, ħadmet fuq titjiriet fuq il-Boeing 737 u Airbus 340 u wkoll kienet diversi drabi mitluba biex tagħmel vjaġġi oħra fuq *Lineage*, *Citation X* u ajruplani zghar. Hija qalet li qatt ma kellha xi tgħid ma ħadd u dejjem kienet flessibbli. Ix-xhud kompliet billi qalet li l-inkwiet beda meta fl-20 ta' April, 2020 l-HR Rober Fenech  bagħtilha ittra uffiċjali fejn informa l-*cabin crew* li  l-ekwipaġġ tal-Boeing 737 u Airbus 340  kienu se jibdew joperaw mill-bazi ta' Stansted  u staqsa jekk jaqblux li jiġu rilokati hemm b'kundizzjonijiet differenti minn dawk li kellhom. Hija qalet li wara li tkellmet maċ-*Chief Fleet* tal-Boeing 737 huwa ssuġġerilha tibgħat email lill-HR u tikkopjaha liċ-*Chief Pilot* Joe Agius, *Head of Air X training u standards*

Martin Ferrando u d-Direttur Ġenerali Houssam Hazzoury. Hija qalet li s-soċjeta' kellha bzonn ta' lanqas zewġ *Training Cabin Instructors*, biex joperaw u hija kienet waħda minnhom, u minnhom it-tnjen, hi biss kienet ittir fuq l-ajruplani. Hija qalet li għamlet talba biex tibqa' ttir fuq l-ajruplani zghar fejn tkun tista' zzomm id-dar tagħha u l-istess kuntratt ta' xogħol li kellha. Hija qalet li offriet ukoll li taħdem fuq il-flotta l-kbira bħal B737 u A340, meta jkollhom bzonnha u tkompli wkoll bħala *training instructor* meta l-kumpanija kienet teħtieġa. Ix-xhud qalet li fis 27 ta' April Robert Fenech wieġeb l-email tagħha li fiha ma kkopja lil ħadd fejn offrielha alternattiva agħar minn ta' l-ewwel li kienet tinkludi tibdil fil-kuntratt. Wara dan, ix-xhud qalet li kien hemm skambju ta' emails biex jiċċaraw l-affarijiet u bil-għan li jintlaħaq ftehim. Hija qalet li ftehim ma ntlaħaqx u fil-15 ta' Mejju hija kkuntattjat lid -DIER fejn infurmathom li tnaqqsitilha l-paga ta' April u Mejju 2020 u dan minħabba l-Covid 19 u li ġiet mitluba tirriloka b'kuntratt ġdid. Hija qalet li r-risposta mid-DIER kienet li min iħaddem seta' jirrilokaha għal bazi oħra izda ma setax inaqqsilha l-paga mingħajr awtorizazzjoni u li ma setax jibdlilha l-kuntaratt tax-xogħol mingħajr ma jaqblu z-zewg partijiet, sew kif tgħid il-liġi u sew kif kellha mnizzel hi stess fl-ewwel kuntratt tax-xogħol. Ix-xhud qalet li reġgħet kitbet lil Robert Fenech biex tiċċara l-affarijiet u wkoll biex taċċerta ruħha li fl-eventwalita' li tiġi tterminata, ma jibqgħux juzaw isimha biex ikollhom l-approvazzjoni meħtieġa mill-awtoritajiet tal-avjazzjoni Maltin, bħala *instructor*. Hija qalet li t-tweġiba li ħadet kienet li l-kuntratt il-ġdid se jissupera l-ewwel wieħed u li ma kienux se jpoġġuha fuq flotta izgħar. Hija qalet li espremiet l-aċċetazzjoni ta' mizuri temporanji minħabba l-pandemija izda ma kienitx se taċċetta tibdil fil-kundizzjonijiet b'kuntratt ġdid. Wara li nfurmatu bir-risposta li kienet ingħatat bil-miktub mingħand id-DIER, ix-xhud qalet li ma semgħet xejn mingħand is-Sur Fenech u fit-8 ta' Ġunju bagħat jgħidilha li qed jieħdu nota li rrifjutat li tirriloka ruħha u taha ċans jumejn biex taċċetta l-kundizzjonijiet il-ġodda. Hija qalet li kitbet email fejn wieġbet li mhux qed tikkontetsta li tiġi rilokata, anzi qed taċċetta, izda mhux qed taċċetta tibdil fil-kuntratt ta' mpjieg. Hija qalet li t-tweġiba tiegħu kienet li r-rilokazzjoni tingħata jekk taċċetta l-kuntratt il-ġdid. Hija qalet li qatt ma rrifjutat li tigi rilokata, u kienet lesta li taċċetta ċerti mizuri temporanji minħabba l-Covid 19 biex tgħin lis-socjeta'. Ix-xhud qalet ukoll, li izda, l-kuntratt il-ġdid kien se jġib taqlib kbir fil-ħajja privata tagħha. Hija qalet li fl-24 ta' Ġunju irċeviet email oħra fejn ġiet mgħarrfa li la qed tirrifjuta t-termini l-ġodda kienet qed tiġi tterminata mill-impjieg u dan b'effett mill-20 ta' April, 2020. Hija qalet li sadanittant kienet imnizzla fir-*roster* tax-xhur ta' Mejju u Ġunju u wkoll attended għal taħriġ *online* f'dan il-perjodu li kien mandatorju. Hija qalet li b'kollox għamlet timintax (18)-il xahar bla mpjieg għax ma kienx faċli li ssib xogħol fl-avjazzjoni dak iz-zmien partikolari u minħabba l-eta' tagħha

li kienet taqbez il- ħamsa u erbgħin (45) sena. Qalet ukoll li kienet ixxukjata meta rċeviet telefonata minn numru mhux magħruf u kienet minn Robert Fenech fit-23 ta' Lulju fejn qallha li kienu ndunaw li ma ħallsuhix kull ma kellhom ituha u offrielha taħdmilhom ġimgħa, fejn iħallsuha tajjeb u jħallsuha wkoll tal-vjaġġ minn u lura lejn darha. Hija ma aċċettatx u infurmatu li kienet se tieħu l-kaz il-Qorti tal-mod kif trattawha.

Huwa qallha biex ma taħlix flus fuq avukati u li kien se jerġa' jirrevedi l-kaz tagħha, izda baqgħet qatt ma semgħet minn għandu. Hija qalet li wara dan kollu minkejja d-diversi attentati li għamlet biex issib xogħol, kien f'Jannar 2022 meta sabet xogħol izda ma kumpanija tas-*software*. Dan propju minħabba n-nuqqas ta' opprtunitajiet li affaċjat fl-avjazzjoni minħabba l-eta' tagħha. Qalet ukoll li kien zmien fejn kellha tgħix minn dak li kellha mfaddal, tilfet id-dar għax ma setgħetx tkompli tħallas il-kera u marret tgħix mal-ġenituri tagħha.

Għall-kontro-ezami r-rikorrenti kkonfermat li Spanja kienet waħda mill-aktar pajjizi milquta mill-pandemija. Hija kkonfermat li kienet avzata li s-soċjeta' ntimata se tirriloka għal Stansted. Ix-xhud ikkonfermat ukoll li d-DIER kien ikkonfermalha li s-soċjeta' kellha kull dritt tbiddel il-bazi tagħha minn fejn topera. Hija kkonfermat ukoll li kienet taf li l-flotta li kienet taħdem fuqha hi ma setgħetx ittir matul il-pandemija. Hija qalet ukoll li ma riditx kuntratt ġdid, izda riedet izzomm il-kuntratt li kellha oriġinarjament. Ix-xhud qalet li dan għax fil-kuntratt il-ġdid ġiet offruta desgħin (90)- jum xogħol mhux konsekuttivi u ħdax (11) -il jum frank mhux konsekuttivi lanqas, u dan meta biex minn Stansted tasal id-dar tagħha ġewwa l-Canary Islands, kellha tivjaġġa ħames siegħat. Hija kkonfermat li kienet lesta li timxi għal Stansted izda mhux bil-kuntratt il-ġdid. Hija ċaħdet li qatt ġiet infurmata li l-kien hemm bidla fl-operat tas-soċjeta', izda nfurmawha biss li kien se jkollha kuntratt ġdid. Hija qalet li matul il-pandemija kienet kuntenta li tnaqqas il-paga, izda wara li tgħaddi riedet li jerġa' jkollha l-kuntratt li kienet iffirmat oriġinarjament. Hija innegat li l-kollegi tagħha ġew rilokati għal Stansted izda ddikjarat li assolutament ħadd ma ġie rilokat lejn Stansted u zammew il-kuntratt li kellhom. Ix-xhud ikkonfermat ukoll li baqgħet ma tħallsitx ta' zewġ pagi u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurta' soċjali.

**Sintezi tas-sottomissjonijiet**

**Dr. Patrick Farruġia** għas-soċjeta ntimata qal illi filwaqt xi oqsma ndustrijali staġnew mill-effetti tal-pandemija, oħrajn kienu kostretti jiffaċċjaw diffikutajiet serjissimi. B'konsegwenza tal-effetti tal-pandemija tal-Covid-19 fuq l-ajru internazzjonali, is-soċjeta' intimata fil-bidu tas-sena 2020 sabet ruħha f'pozizzjoni fejn il-biċċa l-kbira tal-operat tagħha kellu jieqaf ħesrem mingħajr preavviz, fejn il-maġġoranza tal-ajruplani tagħha sfaw

*gounded.* Huwa qal li s-soċjeta' ntimata bdiet tieħu l-passi kollha neċessarji sabiex tissalvagwardja l-operat tagħha, u flimkien mal-istess operat, l-impjieg tad-diversi impjegati tagħha. Dr. Farruġia qal li fi Frar/Marzu 2020 il-mod kif il-membri tal-ekwipaġġ tas-soċjeta' ntimata kienu jaħdmu abbazi tas-sistema tal-*Main Proceeding Airports*, fejn huma kienu jibqgħu jirrisjedu fil-belt preferuta tagħhom. Fl-*on days* huma jivjaġġaw lejn il-post fejn l-ajruplan tagħhom ikun jinsab u jimxu miegħu skont fejn il-klijent li jkun qed jikri l-ajruplan ikun jixtieq jivvjaġġa. Dr. Farruġia qal li l-operat tas-soċjeta' ntimata prattikament sfaxxa fix-xejn u f'kaz fejn kien ikun possibbli ssir titjira farradija (fejn il-ġurisdizzjoni kienet tippermetti bħall-UAE u r-Russja), ukoll kien hemm problema sabiex jinġiebu l-membri tal-ekwipaġġ meħtieġ lejn l-ajruplan u dan minħabba r-restrizzjonijiet u perjodi ta' kwarantina. Huwa qal li s-soċjeta' kienet qed izzid fl-ispejjez bħal *per diem,* kontijiet ta' lukandi tal-impjegati maqbuda. Minħabba f'hekk is-soċjeta' ntimata ma kellha l-ebda għazla għajr li tikkunsidra li tittermina l-impjieg tal-biċċa l-kbira tal-membri tal-ekwipaġġ, filwaqt li l-pandemija rrendiet is-sistema tal-*Main Proceeding Airports* insostenibbli. Dr. Farruġia qal li sabiex issib soluzzjoni biex jiġi ssalvagwardjat l-operat kontinwu tagħha flimkien mal-impjiegi tal-membri tal-ekwipaġġ tagħha u filfatt, ġie deċiz illi minflok ma ttermina l-operat tal-ajrupani tagħha għal kollox, jiġi rilokat għal Stansted. Huwa zied jgħid li s-soċjeta' hija s-sid tal-bazi tal-manutenzjoni ġewwa Stansted u allura setgħet 'tiggaraxxja' l-ajruplani *grounded* tagħha mingħajr ma tinkorri spejjez sinifikanti li kieku kienet teħel kieku dawn kellhom jibqgħu *grounded* ġewwa ajruporti/*hangers* oħra. Dr. Farruġia qal li r-rilokazzjoni fi Stansted kien ukoll ta' benefiċċju għal vjaġġar aktar effettiv għaliex l-Ingiterra kienet waħda mill-ftit pajjizi fid-dinja illi fl-eqqel tal-pandemija zammet restrizzjonijiet ta' ivjaggar pjuttost laxki.

Fil-kaz odjern kienet impjegata bħala *cabin crew* u l-*Main Proceeding Airport* tagħha kien Las Palmas fil-Gran Canaria. Dr. Farruġia qal li s-soċjeta' ntimata kienet ċara sa mill-bidu fejn qaltilhom li s-sistema tal-*Main Proceedings Airports* kienet qed tiġi mitmuma għal kollox fir-rigward tal-membri tal-ekwipaġġ stante l-insostenibbilita' tagħha kawza tal-pandemija, u għaldaqstant il-kwistjoni tal- last-*first-in-last-out* lanqas treġi. Dr. Farruġia qal li b'hekk it-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrenti ma jistax ma jingħadx li ma kinitx ġustifikata mill-bidu għaliex it-terminazzjoni kienet konsegwenza ta' tmiem totali ta' forma ta' struttura tal-operat tas-socjeta' ntimata. Huwa qal li l-impjegati kollha ġew offruti l-għazla li jirrilokaw għal Stansted li kienet bidla assoluta kemm fil-modus operandi kuntrattwali u kif ukoll fil-ġurisdizzjoni tal-bazi tal-operat. Huwa qal li min aċċetta l-offerta kien se jzomm l-istess kunsiderazzjonijiet kuntrattwali, bid-differenza fil-bazi tar-residenza u jaqilbu fuq il-*payroll* tal-Ingilterra skond il-liġi ta' l-istess pajjiz ġaladarba jkunu qed jgħixu fl-Ingilterra. Dr. Farruġia qal li minkejja kull attentat li r-rikorrenti tgħid

mhux minnu, hija ma ġabet l-ebda prova, anzi ħareġ li kellha obbligi oħra, kienet tgħallem fi skola u minħabba f'hekk ma setgħetx tirriloka. Dr. Farruġia qal ukoll li r-rikorrenti tgħid li s-soċjeta' ntimata setgħet toffrilha li taħdem fuq ajruplani zgħar filwaqt li zzomm ir-residenza tagħha ġewwa Gran Cararia, izda s-soċjeta' ntimata tikkontendi illi l-ekwipaġġ kollu ta' ajruplani zgħar ukoll ġie iċċentralizzat ġewwa Stansted kif ikkonfermat mix-xhieda tas-soċjeta' ntimata stess. Dr. Farruġia qal li r-rikorrenti tgħid li mhux veru, izda lanqas ma ġġib provi biex tissustanzja dan. Dr. Farruġia staqsa kif ir-rikorrenti kienet qed tippretendi li taħdem fuq ajruplani zgħar meta dan ukoll kien jirrikjedi li tirriloka lejn Stansted. Huwa qal li r-rikorrenti kienet ingaġġata biex taħdem fuq l-ajruplani tip Boeing u Airbus u s-soċjeta' ntimata ma kellha l-ebda obbligu legali toffrilha li taħdem fuq ajruplani zgħar li jikkstitwixxu klassi ta' inġenji tal-ajru għal kollox separati minn xulxin. Dr. Farruġia qal ukoll li rigward il-punt fejn ir-rikorrenti tisħaq dwar il-kwalifiki u l-esperjenza tagħha, s-soċjeta' mhux talli ma tikkontestahx dan talli iddispjaċiha li tilfet lir-rikorrenti u meta ġie ċ-ċans, xi ġimgħa wara t-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrenti, s-soċjeta' kif kellha opportunita' ta' xogħol, mill-ewwel offrietu lir-rikorrenti, kif xehed fl-affidavit tieghu Houssam Hazzoury. Dr. Farruġia rigward l-allegazzjoni ta' pagi mhux imħallsa jgħid li t-Tribunal ma jistax jikkunsidra din it-talba.

**Dr. Pio M Valletta** f'isem ir-rikorrenti qal li l-impjieg inbeda fil-11 ta' Settembru, 2016 bħala *Cabin Crew Member on aircraft* għal zmien indefinit. Huwa qal li fl-20 ta' April, 2020, il-*manager* tar-rizorzi umani bagħat email lir-rikorrenti fejn għarrafha li l-bazi operattiva ġdida tas-soċjeta' ntimata kienet inbidlet u talabha tinformah jekk hija kinitx ippreparata li tirreloka lejn il-bazi l-Ingilterra taħt kundizzjojnijiet ta' mpjieg ġodda u differenti minn dawk attwali u li fin-nuqqas li taċċetta l-imjieg tagħha kien ser jiġi itteminat. Dr. Valletta qal li r-rikorrenti wieġbet għall-email mibgħuta lilha billi staqsiet jekk kienx possibbli li hija tkompli d-doveri tagħha skont il-kuntratt ta' mpjieg li kellha bħala parti mill-ekwipaġġ li jservu fuq ajruplani zgħar. Dan bl-iskop li ma jkunx meħtieġ li hija tiddelokalizza. Huwa qal li l-kundizzjonijiet tax-xogħol tar-rikorrenti marbuta mad-delokalizazzjoni kienu ser ikunu agħar u inqas minn dawk attwalment applikabbli. Dr. Valletta qal li segwew diversi skambji ta' emails bejn ir-rikorrenti u l-manager sakemm fit-8 ta' Ġunju, 2020 dan ta' l-aħħar wieġeb li huwa qiegħed jeħodha li r-rikorrenti kienet qiegħda tirrifjuta. Ir-rikorrenti wieġbet fid-9 ta' Ġunju, 2020 fejn indikat li hija kienet ippreparata li taċċetta d-delokalizazzjoni izda ma setgħetx tifhem għaliex dan kien ser jikkomporta tibdil fil-kundizzjoniiet tax-xogħol tagħha. Fis-16 ta' Ġunju, 2020 r-rikorrenti irċeviet email mingħand il-*Manager* wara li r-rikorrenti ma kienitx wieġbet ghall-email tad-9 ta' Ġunju billi kienet qiegħda tikkonsulta ma' avukat f'Malta.

Ir-rikorrenti fis-17 ta' Ġunju wieġbet fejn stqarret li hija ma tinsabx f'pozizzjoni li taċċetta jew li tiddeklina l-offerta. Qalet ukoll li hija kienet lesta sabiex tiddelokalizza izda bl-istess kundizzjonijiet li kellha. Dr. Valletta ikkwota mill-email li rċeviet fl-24 ta' Ġunju, 2020 fejn intqal lilha li qed tiġi rrispettata d-deċizjoni tagħha li ma taċċettax il-kundzzjonijiet il-ġodda u allura qed tiġi tterminata. Dr. Valletta qal li fl'għaxija nhar it-23 ta' Lulju, 2020 r-rikorrenti irċeviet telefonata minn numru telefoniku Ingliz, kien il-*manager* fejn dan tal-aħħar stqarr mar-rikorrenti li kien għad hemm xi flejjes dovuti mis-soċjeta ntimata lir-rikorrenti u staqsiha jekk kienitx lesta taħdem magħhom għal ġimgħa u s-soċjeta' kienet lesta tħallasha tajjeb għal dan is-servizz. Dr.Valletta qal li fil-31 ta' Lulju, 2020 r-rikorrenti bagħtet email lill-Manager fejn talbet formalment biex jiftehmu bonarjament. Huwa zid jgħid li l-kwistjoni kollha tiċċentra dwar jekk s-soċjeta' intimata kellhiex id-dritt li timponi unilateralment kuntratt ta' xogħol ġdid b'rabta mat-talba tagħha lir-rikorrenti għar-rilokazzjoni. Dr.Valletta qal li l-kaz odjern għandu similitudnijiet ma' terminazzjoni forzata (constructive dismissal) u dan għax ir-rikorrenti ġiet imqegħda f'sitwazzjoni fejn kellha tagħzel bejn li tirriloka u taħdem skont kuntratt ta' mpjieg ġdid b'kundizzjonijiet ġodda jew li tirrifjuta li tirriloka u taffaċċja t-terminazzjoni tal-kuntratt ta' mpjeg tagħha. Dr. Valletta rrefera għall-kontro-ezami tax-xhieda prodotta mis-soċjeta' ntimata bħala waħda indkattiva ta' retiċenza u f'ċerti aspetti mankanza ta' verita' sħiħa. Huwa rrefera wkoll għall-istqarrija ta' Houssam Hazzoury li fix-xhieda tiegħu qal li r-rikorrenti rrifjutat li tirreloka liema xhieda ġiet kontradetta bix-xhieda ta' Robert Fenech fejn jirrizulta li r-rikorrenti qatt ma rrifjutat li tirreloka, izda rrifjutat biss li tiffirma kuntratt ġdid b'kundizzjonijiet ġodda. Issa il-kuntratt il-ġdid jistipula li se tkun qed taħdem dsatax -il jum (19) u ħdax – il jum (11) frank izda mhux konsekuttivi. Dr. Valletta qal li x-xhud Friedrich Baldinger afferma li peress li l-esponenti ma aċċettatx l-offerta li kienet saritilha mis-soċjeta' intimata, senjatament li tirriloka u tiffirma kuntratt ġdid allura l-kuntratt ta' mpjeg li hija kellha mas-soċjeta' ntimata ntemm. Dr. Valletta jgħid li allura jezistu l-elementi ta' terminazzjoni forzata. Huwa zid jgħid li b'kuntrast mat-testimonjanza tax-xhieda prodotti mis-soċjeta ntimata, it-testimonjanza tar-rikorrenti hija ġustifikata u sostnuta minn dokumentazzjoni kopjuza u li ma ġiet bl-ebda mod kontradetta jew zmentita. Huwa qal li kull talba mressqa mir-rikorrenti sabiex il-bdil fil-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħha jiġi evitat ġiet rifjutata u dan kif jidher mid-dokumentazzjoni esebita. Dr. Valletta jgħid li s-soċjeta intimata tiddedika parti sostanzjali tan-Nota ta' Sottomissjonijiet sabiex tiġġustifika l-azzjoni meħuda minnha fil-konfront tar-rikorrenti billi tatribwixxi tali azzjoni lill-pandemija tal-COVID 19. Huwa qal li filwaqt li indiskrutibilment il-pandemija kellha effett deleterju fuq kull aspett tal-ħajja u mhux lanqas fuq dik tax-xogħol, dan ma jista' qatt jiġġustifika

li d-drittijiet tal-impjegati jiġu kalpestati. Huwa qal li l-kundizzjonijiet tax-xogħol li jorbtu lill-ħaddiem u lil min iħaddem ma jistgħux u ma għandhomx jiġu injorati u mqiegħda fil-ġenb bil-pretest li kien hemm il-ħtieġa ta' ristrutturar. Dr. Valletta qal li s-soċjeta intimata tirrifjuta li seħħ l-ezuberu (redundancy) tal-imjegati izda ssostni li seħħ 'it-tmiem totali' ta' forma ta' struttura tal-operat tas-soċjeta ntimata'. Huwa jgħid li fl-istess ħin it-testimonjanza tax-xhieda prodotti mis-soċjeta intimata tqis li r-rikorrenti ma tkeċċietx izda irrezenjat. Dr. Valletta qal li s-soċjeta' intimata qiegħda tgħid li hija itterminat kuntratt ta' mpjieg għax l-istruttura li taħtha kienet topera ġiet unilaterlament mitmuma u għalhekk l-impjegati ġew imkeċċija *en bloc*. Is-soċjeta, qal Dr. Valletta, tafferma li t-tmiem tal-impjieg ma kienx l-ezuberu u dan jista' jfisser biss li seħħet tkeċċija unilaterali. Huwa qal li s-soċjeta' kellha dritt tbiddel il-bazi operattiva izda ma kellhix dritt tbiddel il-kundizzjonijiet tax-xogħol hekk kif ikkonferma d-Dipartiment tax-xogħol mar-rikorrent. Huwa qal li r-rkorrenti talbet biex taħdem fuq ajruplni zghar izda is-soċjeta' qaltilha li dawn ukoll se jkunu rilokati lejn Stansted. Dr. Valletta qal li s-soċjeta qalet li kien kompitu tar-rikorrenti li tipprovdi provi bil-kontra. Qal ukoll li mill-banda l-oħra lanqas is-soċjeta' ma ġabet provi li dan kien veritier. Huwa qal li forza maġġuri mhux bilfors teffetwa l-esekuzzjoni tal-kuntratt ta' mpjieg, liema kuntratt għandu jibqa' jiġi ezegwit u osservat.

**Konsiderazzjonijiet**

Sabiex it-Tribunal seta' jiddeċiedi jekk it-terminazzjoni kienitx waħda kontra l-liġi u tenut kont disa' fatti li ħargu waqt dan il-proċess u ċjoe:

Li r-rikorrent kienet impjegata mas-soċjeta' sa mill-11 ta' Settembru, 2016 bħala *Cabin Crew Member* għal zmien indefinit;

Li r-rikorrenti ġiet infurmata fl-20 ta' April, 2020 li s-soċjeta' se jkollha tirrilokaha lejn l-Ingilterra u mhux aktar minn fejn kienet tgħix minħabba l-effetti tal-pandemija;

Li ġiet infurmata fl-istess email li se jkollha kundizzjonijiet ġodda u fin-nuqqas ta' qbil l-impjieg tagħha se jiġi tterminat;

Li r-rikorrenti talbet biex taħdem fuq ajruplani izgħar biex tevita li tiġi rilokata;

Li ma kienx hemm qbil fuq il-proposti u dan seħħ bi skambju ta' serje ta' emails li baqgħu sejrin sa Ġunju 2020;

Li f'email mibgħuta fl-17 ta' Ġunju 2020 li nbagħtet lir-rikorrenti ntqal lilha li s-soċjeta' jifhmu u jaċċettaw id-deċizjoni tagħha ;

Li d-deċizjoni tagħha filfatt ma kienitx li se tirrezenja, izda kienet kuntenta tkompli x-xogħol minn bazi oħra sakemm izzomm l-istess kundizzjonijiet li kellha;

Li f'email oħra mibgħutha lir-rikorrenti mis-soċjeta' fl-24 ta' Ġunju, 2020, intqal lilha li b'dispjaċir se jkollhom jitterminawha, dan dejjem jekk hija ma taċċettax l-offerta tal-kumpanija.

Li f'Mejju r-rikorrenti tħallset l-aħħar pagamenti kkunsidrati mis-soċjeta' bħala l-ħlas tan-*notice period*.

**Deċizjoni**

It-Tribunal għall-kaz odjern minħabba li seħħ waqt il-Pandemija tal-Covid 19, ikkunsidra l-punt legali hekk kif spjegat fir-*rebus sic stantibus* (*ara* Deċizjoni ta' dan l-istess Tribunal fl-ismijiet ***Karlota Maria Zarimi rrapprezentata mill-mandatrju specjali taghha l-Avv Dott.Pio M. Valletta in forza ta' prokura specjali vs Air X Charter Ltd, 28 ta' Mejju 2024***).

Fil-kaz odjern jitqajjmu diversi attentati biex jispjegaw it-terminazzjoni minn naħa tas-soċjeta', minkejja li tgħid li kienet id-deċizjoni nnifisha tar-rikorrenti li ġabet it-terminazzjoni. Ir-rikorrenti skont is-soċjeta' ntimata kellha għazla, jew li tirriloka lejn l-Ingilterra jew titlef l-impjieg. Meta wieħed iqis it-tibdil kollu li kienet se ġġib magħha r-rilokazzjoni jara li r-rikorrenti ma kienx se jkollha aktar ħajja privata u kien se jkollha iddawwar ħajjitha kollha max-xogħol. Dan it-tibdil fl-iskeda ta' meta kienet se tkun xogħol jew frank ma kienx rizultat tal-pandemija u seta' ġie evitat. It-Tribunal jifhem li kellha isseħħ rilokazzjoni. Allura għal dan it-Tribunal l-għazla li kellha r-rikorrenti filfatt kienet *Hobson's Choice* u ma kienet għazla xejn. Għar-raġunijiet kif imsemmija fis-Sentenza ***Zarimi vs Air X Charter (2024),*** it-tbatija li ġabet il-pandemija, jekk xejn kellha tinġarr minn kulħadd u mhux minn parti waħda biss. Fl-24 ta' Ġunju r-rikorrenti irċeviet risposta li qed jieħdu r-rifjut tagħha u tterminawha, meta filfatt qaltilhom li lesta tmur ġewwa Stansted u tħalli darha izda mhux bit-tibdil fl-iskeda kif ġie offrut fil-kuntratt il-

ġdid. Fil-fehma ta' dan it-Tribunal is-soċjeta' kellha tara jekk issibilhix alternattiva vijabbli, jekk xejn turi it-tibdil fl-iskeda kien imqar temporanju sakemm tgħaddi l-pandemija, jew tħallilha l-istess skeda. Setghet ukoll offritilha xogħol fuq ajruplani zghar, li kif spjegat fis-sentenza ***Zarimi vs Air X Charter (2024),*** dan it-Tribunal jemmen li ma ġewx rilokati u allura setgħet ġiet offruta dik il-possibilita'.

Għaldaqstant dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeċiedi li t-terminazzjoni kienet waħda mhux skont il-liġi u qed jillikwida l-kumpens għas-somma ta' għoxrin elf, u tliet mitt ewro (€20,300.00) li għandha tingħata mis-soċjeta' lir-rikorrenti fi zmien xahar mid-data tal-lum.

B'hekk tintemm din il-kwistoni tax-xogħol.

**Doreen Parnis**
**Chairperson**